

**Żewġ fatturi nstabu effettivi fil-prevenzjoni u l-indirizzar tal-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol:**

- **Ambjent organizzattiv** fejn l-impjegati jkunu jafu x'għandhom jagħmlu meta ħadd ma jkun preżenti.
- **Ir-responsabbiltà għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-fastidju sesswali** tintefa fuq l-impjegati kollha, aktar milli titħalla f'idejn il-persuna li tirċieviha biex tirrapporta.

Il-politiki u t-taħriġ dwar il-fastidju sesswali jistgħu jiggwidaw lill-impjegati u jagħtuhom is-setgħa li jieqfu mill-fastidju sesswali; jidentifikaw imġiba mhux xierqa u jieħdu l-azzjoni meħtieġa meta dan iseħħ.

NCPE


Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE)

Gattard House, National Road, Blata l-Bajda HMR 9010

2276 8200

equality@gov.mt

ncpe.gov.mt


NCPE.Malta

# X'inhu l-fastidju sesswali?



Il-fastidju sesswali huwa **aġir sesswali mhux mixtieq**.

Il-fastidju sesswali jista' jinkludi, iżda mhuwiex limitat għal:

- Kuntatt fiżiku mhux mixtieq, bħal mess
- Talba għal favuri sesswali
- Kummenti jew ċajt ta' natura sesswali
- Emails, SMS, jew messaġġi sesswalment espliċiti fuq il-midja soċjali
- Wiri ta' stampi jew materjal ieħor sesswalment espliċitu



Il-fastidju sesswali huwa **illegali** u jista' jikkostitwixxi reat kriminali.

Huwa pprojbit ukoll li xi persuni jiġu ttrattati b'mod inġust meta:

- jiċħdu atti ta' fastidju sesswali, jew
- jagħmlu lment ta' fastidju sesswali, jew jipparteċipaw fl-investigazzjoni ta' tali lment



## X'tista' tagħmel persuna f'każ li tiġi ffastidjata sesswalment fuq il-post tax-xogħol?

Huwa f'idejn il-persuna li ssofri l-fastidju sesswali li tiddeċiedi jekk is-sitwazzjoni tistax tiġi ttrattata b'mod informali jew formali.

### Il-proċedura informali:

- Għid lill-persuna(i) involuta/i li l-imġiba tagħhom hija inaċċettabbli u li għandha tieqaf.
- Tkellem ma' kollega/konsulent fuq ix-xogħol li jistgħu jaġixxu bħala intermedjarju u javviċinaw lill-persuna li qed iddejqek bl-imġiba tagħha biex tieqaf minn tali azzjonijiet.

### Il-proċedura formali:

- Żomm reġistru bil-fatti u informa lil min iħaddem/il-kumpanija. Min iħaddem u l-fornituri tas-servizzi għandhom id-dmir legali li jipprevjenu l-fastidju sesswali.
- Fittex parir u azzjoni mill-NCPE.
- Ressaq ilment mal-NCPE. Jekk ikun meħtieġ, l-NCPE tipprovdi l-għajnuna. Każijiet ta' lmenti fl-NCPE huma kunfidenzjali.
- Ipproċedi permezz ta' trade union jew it-Tribunal Industrijali.
- Ħu azzjoni legali.
- Irrapporta lill-pulizija.

## X'tista' tagħmel l-NCPE?

L-NCPE tista':

- Tipprovdi aktar informazzjoni dwar x'inhu fastidju sesswali u dwar il-proċedura tal-ilmenti tal-NCPE.
- Tipprovdi taħriġ lil gruppi differenti dwar il-fastidju sesswali.
- Tgħinek tressaq ilment ta' fastidju sesswali.
- Tinvestiga l-każ tiegħek ta' fastidju sesswali b'mod kunfidenzjali.
- Tgħin lil min iħaddem jew lill-maniġer biex jabbozza jew jaġġorna politika dwar il-fastidju sesswali.
- Tqajjem kuxjenza dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet relatati mal-fastidju sesswali.

